MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Numru. 484/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**FRANK CALLEJA ta’ 39 sena, iben Francis u Rita nee’ Schembri, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-16 ta’ Awwissu, 1969, residenti fil-fond Gallina, Bingemma, limiti ta’ l-Imgarr, detentur tal-karta ta’ l-identita’ li ggib in-numru 329069M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Frank Calleja**, li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond maghruf bhala Gallina, f’Bingemma, limiti ta’ l-Imgarr nhar is-17 ta’ Jannar, 2004

u/jew fix-xhur ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmulin minu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi,, u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, kellu fil-proprejta’ taht il-kontoll tieghu sort t’ilma tal-pjan u/jew ghamel, haffer, u/jew xort’ohra kiseb access ghall-istess sort minghajr awtorizzazzjoni ta’ l-awtorita’ kompetenti jew xort’ohra naqas jgharraf lill-awtorita’ kompetenti li kellu tali sors u dan bi ksur ta’ l-Avviz Legali 120/1997.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tordna l-gheluq tas-sors ta’ l-ilma in kwistjoni.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Illi mill-fatti processwali jirrizulta illi meta saret l-*inspection* u l-konsegwenti inkjesta kien l-akkuzat li moghti l-*caution* u bil-gurament tieghu xehed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti huwa wiegeb li missieru kine marid u li hu kien imexxi kollox.

S’intendi din l-inkjesta nfethet wara li nstabet *bore hole* bil-pompa u pajpijiet imwahhla u nezlin fiha, fil-proprjeta’ ta’ l-akkuzat.

Illi fil-mori tal-kawza gie anke stabbilit illi l-akkuzat ghandu l-karta ta’ l-identita’ tieghu li ggib l-indirizz ta’ Gallina, Bingemma, limiti ta’ l-Imgarr. F’dan il-fond fil-fatt instabet il-*bore hole*. Gie stabbilit ukoll illi l-meter ta’ l-indirizz Gallina wkoll kien irregistrat fuq isem l-akkuzat.

Ikkunsidrat:

Illi ppruvat dan kollu, u b’dan anke jfisser illi ebda dubju ma hemm f’mohh din il-Qorti li l-akkuzat huwa responsabbli tal-fond Gallina u dak li jigri fih, pero hawn

non si tratta tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi hawn si tratta ta’ reat taht l-Avviz Legali 120-1997, ghalhekk hawn mhux applikabbli min hu r-registered consumer ai termini ta’ l-imsemmi Artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fatt fl-Artikolu 2 ta’ l-Avviz Legali msemmi jaghti d-definizzjoni ta’ dak li hu ‘utent.’

Certament jirrizulta li l-akkuzat huwa utent tal-proprjeta’ Gallina, anke jekk fl-akkuza huwa meqjus bhala proprjetarju u/jew amministratur ta’ l-imsemmi. Dan tenendo kont anke tal-fatt illi fil-fond minnu kkontrollat, wara li fil-fatt sar l-ewwel access, xi hadd fil-fondipprova - pero mhux il-missier ghax go s-sodda marid, sadd b’ammont kbir ta’ konkos it-toqba msemmija.

Ghaldaqstant qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti, u dan wara li rat l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 ta’ l-Avviz Legali 120/1976, u qieghda ghalhekk tikkundannah multa ta’ hdax il-elf, sitt mija u hamsin Ewro(€11,650);
Tordna wkoll il-konfiska ta’ kull apparat uzat fil-konfront ta’ dan is-sors ta’ ilma.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------